MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-8 ta' Gunju, 2007

Citazzjoni Numru. 511/2004

**Conrad Galea (I.D. 312175M)**

**Vs**

**David Harmer (I.D. 45876M)**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Rat l-**att tac-citazzjoni** li permezz taghha l-attur ippremetta Illi:

Peress illi l-attur kien involut f'incident awtomobilistiku li sehh fis-17 ta' Lulju, 2002 fi Triq il-Missjoni Taljana,

Kalkara bil-vettura bin-numru tar-registrazzjoni CBA-689 misjuqa mill-konvenut u l-mutur bin-numru tar-registrazzjoni FAL-524 misjuq mill-istess attur;

Peress illi bhala rizultat tal-imsemmi ncident l-attur sofra danni liema danni kienu anki jinkludu griehi gravi li kkagunawlu dizabilita' permanenti fuq persuntu kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Peress illi l-imsemmi ncident gara unikament b'tort tal-konvenut minhabba traskuragni, mperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess konvenut u dan kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Peress illi ghalkemm il-konvenut gie debitament interpellat jersaq bonarjament ghall-likwidazzjoni u hlas ta' danni sofferti mill-attur huwa baqa' inadempjenti;

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandiex:

1. Tiddikjara li l-incident tas-17 ta' Lulju 2002 fi Triq il-Missjoni Taljana, Kalkara bejn il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni CBA-689 misjuqa mill-konvenut u l-mutur bin-numru tar-registrazzjoni FAL-524 misjuq mill-attur gara unikament tort tal-konvenut minhabba imperizja, traskuragni u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur, inkluzi dawk konsistenti f'dizabilita' permanenti fuq persuntu, jekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi;

3. Tikkundanna lill-istess konvenut ihallas lill-attur dik is-somma li tigi hekk likwidata in linja ta' danni skond kif intqal aktar il-fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-imghax legali mill-lum u bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tas-16 ta' Gunju 2004 u dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment ma' dan l-att kontra s-socjeta' assikuratrici tal-konvenut ai termini tal-Kap. 104 tal-Ligijiet

ta’ Malta, kontra l-konvenut li jibqa’ minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat Id-Dikjarazzjoni tal-attur a fol. 3 tal-process.

Rat in**-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut** a fol. 19 tal-process fejn eccepixxa:

1. Illi l-ewwel talba attrici ghandha tigi respinta ghax ghall-incident stradali msemmi kien jahti l-attur stess.

2. Isegwi, riferibilment ghat-tieni talba li m’hemmx danni x’jigu likwidati favur l-attur, fil-konfront tal-konvenut.

3. Jizdied isegwi, riferibilment ghat-tielet talba li m’hemm ebda quantum ta’ danni li l-konvenut ghandu jigi kundannat ihallas lill-attur.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Rat id-digriet a fol 28 li bih gie nominat l-espert mediku Charles Grixti;

Rat ir-relazzjoni tal-imsemmi espert;

Semghet lill Avukati difensuri jittrattaw;

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Dina l-kawza tirrigwarda ncident awtomobilistiku li sehh fis-17 ta’ Lulju, 2002 fi Triq il-Missjoni Taljana, Kalkara bejn Land Rover bin-numru tar-registrazzjoni CBA-689 misjuqa mill-konvenut u l-mutur bin-numru tar-registrazzjoni FAL-524 misjuq mill-istess attur. L-incident gara meta l-mutur kien qed jissorpassa l-Land Rover li kienet qed tikser fuq il-lemin taghha ghal go *side street*.

Wara l-incident l-partijiet taw dawn il-versjonijiet lill pulizija li investigaw il-kaz.

L-attur qal li kien qed isuq il-mutur min naha ta’ Bighi sejjer lejn Triq il-Missjoni Taljana fuq il-*lane* ta’ barra peress illi fuq il-*lane* ta’ gewwa kien hemm il-Land Rover ghaddejja, u x’hin wasal (magemb) fin-nofs tal-Land Rover, dan f’daqqa wahda kiser fuq il-lemin biex jidhol go Triq il-Luqqata, ipprova jdawwar il-mutur mieghu fuq il-lemin biex jevita li jahbat mieghu pero’ lahaq qabdu bejn ir-roti.

Il-konvenut qal lis-Surgent li kien tiela minn Triq il-Missjoni Taljana biex jikser ghal Triq il-Luqqata. Xeghel l-*indicator* u x’hin ra li mhux gejjin karozzi oppost tieghu u lanqas minn warajh, kiser bil-mod ghat-Triq il-Luqqata, u dak il-hin sema’ daqqa kbira u hass lil-Land Rover iddur. Ighid li x’hin qabel hares fil-mera tan-naha tieghu ra xemx qawwija.

Ix-xhud Carmelo Sultana li kien prezenti u ra l-incident qal lill Pulizija li kien qed isuq mutur FAU 082 u kien wara l-mutur ta’ l-attur. Naqqas u l-attur mar biex jaqbez il-Land Rover minn naha ta’ barra. F’daqqa wahda ra lill attur taht il-Land Rover fin-nofs u kompla jitkaxkar ghal taht il-bankina. Hu ma rahx *indicators* mixghulin mill-Land Rover.

**Tikkunsidra**

Illi fil-kaz in ezami l-konvenut qed jghid li l-incident gara meta l-mutur qabzu meta huwa kien qed idur gos-*side street*, mentri l-attur jghid li l-incident gara ghax il-konvenut darlu meta huwa kien qed jaqbzu.

Il-konvenut xehed li meta gie biex idur, naqqas il-velocita’, xeghel l-*indicator*, u resaq lejn in-nofs tat-triq u x’hin ra li ma kienux gejjin karozzi minn faccata u lanqas minn wara, beda jikser ghal gos-*side street*, u fil-mument hass daqqa fuq il-Land Rover.

Il-Qorti ezaminat ix-xhieda prodotta, partikolarment ix-xhieda ta’ l-attur u ta’ xhud Carmel Sultana kif ukoll il-fattispecie tal-kaz u jirrizultalha li fil-fatt l-konvenut ma

kienx postjat kif qal li kien lejn nofs it-triq wieqaf biex jara jekk kienux gejjin karozzi minn faccata u minn wara. Il-fatti juru li l-konvenut effettivament qabad u dar minghajr sinjal ta' xejn u kif ghamel hekk sab il-mutur magembu. Kemm l-attur kif ukoll Sultana jichdu li l-konvenut xeghel xi *indicator* u jghidu li l-incident gara kif iz-zewg vetturi kienu mexjin. Il-konvenut kellu l-obbligu mhux biss li jaghmel sinjal jew jixghel l-*indicator* izda wkoll li jara li s-sinjal li suppost ghamel gie mifhum min minn kien indirizzat lejh.

"*The driver's duty is not confined to making signals; he must see, so far as he can, that they have been understood". "It is not enough to sound the horn or give some other signal; it is also necessary that such warning be given at the proper time and place. The signal should be given so that it will serve its purpose*". (Gibb sec 101 u sentenza J. Debattista vs Caruana 11.12.72) "Min johrog l-*indicator*, ikun qed jaghti, kif hu obbligat, avviz lit-traffiku ta' warajh u ta' quddiemu, imma ma jistax, semplicement ghax hareg l-*indicator*, jaghmel li jrid, jikser il-priorita' li jaghtu r-regolamenti u jaqleb ir-*rule of the road* favur tieghu. (Sentenza riporata f' Vol 37 p4 p 868).

Apparti dana l-obbligu tal-*proper look out* ta' sewqan prudenti jibqa' xorta wahda fuq kull sewwieq irrespettivament jekk jixghelx l-*indicator* jew le.

Jirrizulta mill-provi li l-konvenut ma rahx lill attur warajh jew magembu meta huwa gie biex jikser fuq il-lemin tieghu. Tant hu hekk li kemm minhabba l-ghamla tal-vettura tieghu, kif ukoll ghax ma setghax jara minhabba x-xemx fil-mera tal-gemb (ara x'qal il-konvenut lill Pulizija *a tempo vergine*) hu dar bla ma qaghad attent ghall vetturi ta' warajh. Kieku l-konvenut hares kif suppost li kellu jhares, u kien qed izomm a *proper look out*, hu ma setghax ma jarax lill-attur li dak il-hin kien ezatt magembu. L-attur ma tfaccax minn imkien imma kien hdejh.

Il-gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna hija fis-sens li taghti precedenza f'dawn it-tipi ta' kollizzjonijiet lil dak li

jkun qed jissorpassa. Il-Qorti irriteniet diversi drabi illi f'kazijiet bhal dawn in ezami il-preponderanza ta' probabilita' hija illi s-sewwieq li jkun qed jikser lejn il-lemin ikun qasam ir-rotta (*cut across the path*) tas-sewwieq li jkun qed jissorpassah minghajr ma jkun ta' "*adequate warning*".

Buchanan, "Liability in Motor Cases", f'pagna 29 ighid:- "*In cases of collisions between an overtaking motorist and a right-turning motorist being overtaken, it is first of all necessary to have regard to the duties of the right-turning motorist…….Early decisions tended to consider that all the turning motorist was required to do was to give a clear indication to following motorists of his intention. As regulations requiring a motorist to have a clear view through his rear-view mirror of following traffic became stricter, it became the duty of the driver to keep a look-out both in front and behind. He no longer complies with his duty unless, after giving his turning signal, he takes reasonable steps to satisfy himself that following traffic has both seen and reacted to his signal, which, it is submitted, boils down to taking reasonable steps to ensure that there will be no traffic in the process of overtaking him as he makes his turn."*

Dawn il-principji gew affermati f'ghadd ta' sentenzi moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili, fosthom:- F. Clarke vs C. Aquilina 6.12.77; A. Sciberras vs C. Zammit 13.7.78; E. Azzopardi vs L. McCarthy 20.9.78; E. Deguara vs J. Mallia 25.1.83; C. Gendrex vs J. Vassallo 15.1.88; T. Duca vs E. Mifsud 15.6.88.

Fil-kaz in ezami l-Qorti hi tal-fehma li effettivament l-incident gara <u>principalment </u>ghax il-konvenut qabad u dar minghajr preavviz biex kiser fuq il-lemin tieghu biex jidhol go triq laterali meta dak il-hin kien qed jaqbzu l-mutur ta' l-attur, li ma nghata ebda indikazzjoni tal-manuvra li l-konvenut ried jaghmel.

Il-Qorti pero' trid tezamina wkoll jekk l-attur kellu wkoll xi tort ghall akkadut.

L-attur jghid li l-Land Rover kienet quddiemu fuq ix-xellug tat-triq u meta gie bir-rota ta’ quddiem tal-mutur ma nofs tal-Land Rover, dan dar f’daqqa fuq il-lemin bla ma xeghel l-*indicator* biex jidhol f’*side road*. Ighid ukoll li fl-ebda mument ma qabez il-linja medjana tat-triq. Carmel Sultana li kien wara l-attur jghid li l-Land Rover kienet lejn in-nofs il-karreggjata tax-xellug u l-mutur kien se jaqbez il-Land Rover u dak il-hin sab il-Land Rover qeghda ddur.

Illi mill-provi jirrizulta li t-triq fejn kienu ghaddejjin il-vetturi in kwistjoni, tiehu karreggjata fuq ix-xellug u ohra fuq il-lemin wahda kontra l-ohra. Fil-karreggjata fejn kienu jsuqu l-kontendenti ma hemmx *lanes* separati. Iz-zewg vetturi kienu ghaddejjin kwazi wara xulxin, imtarrgin.

Mill-iskizz jirrizulta li l-ispot of impact hu fil-parti hazina tat-triq ghaz-zewg sewwieqa. Li jfisser li meta habtu z-zewg vetturi dawn kienu t-tnejn qabzu l-linja medjana tat-triq u mhux kif qed jghidu li fl-ebda mument qabel l-incident ma qabzu nofs it-triq.

Regola importanti ghas-sorpass hi li dan ghandu jsir b'sikurezza. (App. Krim. Pul. Vs. Manwel Mallia, Kollex Vol XL111 p 1001). il-kwistjoni ta-"*overtaking*" tista tiehu aspett ferm specjali fic-cirkostanzi partikolari tal-lokalita'. (Appell Krim. Pul. vs. John Ripard. Kollez. Vol XXXV1 p 749). "Overtaking" ikun perikoluz li jsir *meta 'driver' prudenti jista jipprevedi li l-vettura li jkun qed jaqla tista' tibdel ir-rotta. (*Appell Krim.Pul vs S.A.C. J.Agius). Inoltre fil-Kodici tat-Traffiku jikkonsilja: “*DO NOT OVERTAKE at or when approaching … a road junction*”.

Fil-kaz in ezami l-Qorti hi tal-fehma li l-attur messu kien aktar prudenti u ppreveda li fil-post partikolari fejn ried jaqbez u kif qabez ma kienx *safe* ghal kollox ghalih u ghal sewwieqa ohra. Hu dmir ta’ sewwieq li jkun irid jaqbez illi s-sorpass ma jaghmlux f’cirkostanzi fejn mhux ghaqli u fejn jista jobsor li l-vettura li jkun sejjer jaqla’ tista tbiddel ir-rotta. F’dan ir-rigward ghalhekk l-attur ghandu bicca mit-tort.

Dwar *speed*, lil-Qorti ma jirrizultaliex li kien hemm *speed* da parti ta’ l-attur. Il-fatt li l-Land Rover imdawwar, ma kienx minhabba d-daqqa (fil-fatt hsara fil-Land Rover ma hemmx) imma ghax il-habta grat waqt li l-Land Rover kien qed idur u spicca fuq il-mutur b’rota fuq rota.

Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li ghal incident ghandhom iwiegbu z-zewg sewwieqa b’zewg terzi tort ghall konvenut u terz ghall attur.

**Danni**

Dwar danni l-attur qed jitlob is-somma ta’ Lm3,030 ghal mutur li gie dikjarat bhala *total loss* minhabba l-incident. Skond *survey* li sar mill-assikuraturi tal-konvenut ir-*wreck value* huwa ta’ Lm350/Lm450 izda l-attur pproduca xhud lill Godwin Micallef li kkonferma li l-mutur kien *total loss* izda li ma fihx *wreck value* billi l-makna kienet imfarrka, l-*body* imkisser u ma setghax jiehu *parts* minnu.

Il-Qorti ezaminat id-dokumenti ezibiti mill-attur u hi tal-fehma li l-attur ghandu jithallas is-somma ta’ Lm3,000 tal-mutur bhala *damnum emergens.*

**Lucrum cessans**

L-attur ezebixxa certifikat mediku ta’ Dr. R. Gatt a fol 30 fejn sab li l-attur ghadu jbati minn “*residual problems of his left knee injury*” u tah diazabilita’ permanenti ta’ 10%. L-espert nominat minn dina l-Qorti ezamina lill-attur u kkonkluda (ara fol 100/101) l-attur ghadu jbati minn ugiegh u nuqqas ta’ muviment fl-irkoppa tax-xellug rizultat ta’ dana l-incident u tah 12% dizabilita’ permanenti.

Ghalkemm kienet saret nota (ara fol 104) fejn intalbet in-nomina ta’ periti addizzjonali, il-konvenut irtira dina t-talba (ara fol 106).

Fiz-zmien ta’ l-incident l-attur kellu 27 sena u kien jahdem ma’ Meli Car Rentals bhala driver. Kellu paga ta’ Lm71.29 fil-gimgha, (Ara dok FSS – fol 43 u fol 44). Ghamel sena

ma jahdimx u baqa' bla paga hlief li dahhal Lm4,47.35 mill 1/1/02 sa 31/12/2002, bhala Beneficcju tal-Mard. (Dok CG4).

Bhala salarju l-attur ipprezenta dokument fejn juri li kien qed jircievi Lm71.29 fix-xahar. Ghalhekk ghandu jittiehed in konsiderazzjoni s-salarju rilevanti fiz-zmien ta' l-incident debitament u ragjonevolment aggustat minhabba l-inflazzjoni. F'dana l-kaz il-Qorti se timxi fuq paga bazika ta' Lm80 fil-gimgha.

Bhala hajja lavorativa l-Qorti se tiehu *multiplier* ta' 30 sena.

Ghar-rigward tal-kwistjoni tal *lump sum payment* jinghad fil-kawza fl-ismijiet "Paul Xuereb noe vs Emanuel Xuereb pro et noe." (P.A. (JSP) deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Ottubru 1995 :

*"Fir-rigward tar-riduzzjoni ghall-'lump sum payment' il-Qorti, fl-iskorta ta' decizjonijiet ohra moghtija minnha kif presjeduta, jidhrilha li ... ma ghandu jsir l-ebda tnaqqis fil-persentagg solitu ta' 20 fil-mija ghall-'lump sum payment' jekk ma jkunux ghaddew aktar minn tlett snin mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni u jekk ikun ghadda dan il-perjodu allura ghandu jsir tnaqqis ta' 2% ghal kull sena minn dik id-data".*

Fil-kaz in ezami l-kawza giet prezentata fit-2004 u se tinqata' tlett snin wara ghalhekk m'ghandha ssir ebda riduzzjoni minhabba l-*lump sum payment.*

Lucrum Cessans

(Lm80 x 52) x 30(sena) x 12% less 20% = Lm11,980
Terz tar-Responsabilita' = Lm7,986
Damnum Emergens = Lm3,030

**B'Kollox = Lm11,016**

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi
Billi tiddikjara li l-incident in kwistjoni gara terz tort ta' l-attur u zewg terzi tal-konvenut;
Tillikwida d-danni sofferti mill-attur, inkluzi dawk konsistenti f'dizabilita' permanenti fuq persuntu fl-ammont ta' hdax il-elf u sittax il-lira Maltin (Lm11,016),
Tikkundanna lill-istess konvenut ihallas lill-attur is-somma hekk likwidata in linea ta' danni skond kif intqal aktar il-fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.
Bl-imghax legali mid-data tas-sentenza.
Bl-ispejjez skond ir-rispettivi rebh u telf.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------